MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru. 473/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Victor Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 362871(M).

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu 2012 ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofsinhar, fi Triq Censu Tabone, Hamrun:

1. Ikkommetta serq ta' handbag minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBI 068 ghad-detriment ta' Josephine Said detentrici tal-karta tal-identita' 457860M liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;
2. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex tbieghhom jew imexxihom

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-fedina tal-imputat li hija pjuttost estensiva.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi din il-kawza si tratta ta' serq ta' basket fid-data tas-sitta u ghoxrin ta' Marzu 2012 minn gewwa l-Hamrun.

Illi xhud principali inzerta kien pulizija pajzan li kien ghaddej mill-post ftit wara s-serqa fejn avvicinatu mara u qaltlu li kienet ghadha kif giet misruqa u li l-halliel kien mar gol-latrina tal-Hamrun. Dan il-pulizija u cioe **PC 87 George Galea** jispjega fit-testimonjanza tieghu a fol 34 tal-process, illi huwa irnexxielu jsib il-halliel gol-latrina fejn kien inqafel f'wiehed mit-"toilets" u hemm ukoll irnexxielu jsib il-portmoni tas-sinjura li kienet giet misruqa. Ftit wara irnexxielu jiftah it-toilet fejn kien il-halliel u fil-fatt hemm kien l-imputat Victor Fenech.

Xehdet ukoll il-vittma **Josephine Said** li spjegat kif il-halliel irnexxielu jehdilha dan il-portmoni ta' lewn ahmar minn fuq is-seat tal-karrozza taghha u ftit wara ratu jigri bih lejn id-direzzjoni tal-latrina. Hija spjegat li hi kienet ghadha kif spiccat mix-xoghol taghha fejn hija tahdem gewwa hanut tal-"appliances". Hi tixhed ukoll illi ma kellha xejn ta' valur fih hlief xi ghaxar Ewro, xi "cards" u r-

“referral ticket” tal-isptar ta’ missierha li wara li nstab il-portmoni sabithom kollha. Ix-xhud gharrfet lill-imputat Victor Fenech li kien dik il-persuna li serqitha dak in-nhar.

Illi rat li l-imputat ma ressaq l-ebda provi in sostenn tad-difiza tieghu.

Ikkunsidrat illi l-provi kontra l-imputat huma ghal kollox skjaccanti fejn ghax il-vittma gharfet lill-imputat bhala l-persuna li serqitha, kif ukoll illi PC 87, li kien fl-inhawi ezatt wara li gara r-reat, irnexxielu jimblokka lill-imputat ftit metri ’l boghod. Illi di piu’ r-refurtiva nstabet fl-istess post fejn instab l-imputat Victor Fenech.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (g), 271 (g) u 281 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u wara li rat l-addebitu tar-recidiva tal-imputat u l-fedina penali xejn felici tieghu, ssib lill imputat **Victor Fenech** hati tal-ewwel akkuza u tikkundannah piena ta’ prigunerija ghal disa’ (9) xhur filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza stante li hija alternattiva ghal dik tal-ewwel.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------